IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.7.2013
SWD(2013) 289 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

TAQSIRA TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Li jakkumpanja d-dokument

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern u li jemenda d-Direttiva 2002/65/KE, 2013/36/UE u 2009/110/KE u li jħassar id-Direttiva 2007/64/KE
u
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta' pagament ibbażati fuq kard

{COM(2013) 547 final}
{COM(2013) 550 final}
{SWD(2013) 288 final}

1. INTRODUZZJONI

Ħlasijiet elettroniċi, sikuri, kompetittivi u innovattivi huma kruċjali biex il-konsumaturi, in-negozjanti u l-kumpaniji jkunu jistgħu jgawdu mill-benefiċċji kollha tas-Suq Uniku u hekk kif id-dinja qed taqleb mill-kummerċ tradizzjonali bil-ħwienet għall-kummerċ elettroniku. Permezz tal-acquis leġiżlattiv attwali dwar il-ħlasijiet l-UE kisbet progress u integrazzjoni sinifikanti tal-pagamenti żgħar. Madankollu, oqsma importanti tas-suq tal-ħlasijiet - ħlasijiet bil-kard, bl-internet u bil-mobajl - għadhom frammentati tul il-fruntieri nazzjonali. L-aħħar żviluppi f'dawn is-swieq żvelaw ukoll ċerti lakuni u inkonsistenzi regolatorji fil-qafas ġuridiku attwali għall-ħlasijiet.

2. DEFINIZZJONI TAL-PROBLEMA

2.1. Problemi

Il-qafsa ġuridiku stabbilit mid-Direttiva 2007/64/KE dwar is-Servizzi ta' Ħlas (PSD)[1] diġà rriżultat fi progress sinifikanti rigward l-integrazzjoni kumplessiva tas-suq Ewropew tal-pagamenti żgħar. Madankollu, għad hemm għadd ta' problemi speċifiċi u definiti sew fil-qasam tal-ħlasijiet bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl. Ir-raġunijiet li joħolqu dawn il-problemi jaqgħu f'żewġ kategoriji. L-ewwel, li f'għadd ta' oqsma is-suq ma jiffunzjonax b'mod ottimali. It-tieni, li hemm għadd ta' lakuni u nuqqasijiet relatati mad-dispożizzjonijiet ġuridiċi eżistenti.

2.1.1. Il-frammentazzjoni tas-suq

L-istandardizzazzjoni u l-interoperabilità teknika huma kruċjali fl-ambjent ibbażat fuq in-netwerk tal-ħlasijiet. Sabiex tiġi massimizzata l-konnessjoni bejn min iħallas, min jitħallas u l-fornituri tas-servizz tal-ħlas (PSPs) tagħhom, hemm bżonn ta' interoperabilità bejn l-iskemi differenti fuq il-bażi ta' standards komuni. Madankollu, ħlasijiet bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl kollha jbatu minn nuqqas ta' stadardizzazzjoni u interoperabilità bejn soluzzjonijiet differenti, b'aspetti varji u fi gradi differenti, speċjalment fil-livell transfruntieri. Dawn il-problemi, li jillimitaw ukoll il-kompetizzjoni, huma mkabbra minn arranġamenti ta' governanza dgħajfa għas-suq Ewropew tal-pagamenti żgħar.

2.1.2. Kompetizzjoni ineffettiva

Fil-qasam tal-kards tal-ħlas hemm bosta regoli u prattiki tan-negozju restrittivi li jwasslu għal kompetizzjoni distorta.

L-ewwel nett, ftehimiet kollettivi bejn il-banek li joħorġu l-kards u l-banek li jakkwistaw dwar sistemi ta' kards tal-ħlas għal tariffi interbankarji, l-hekk imsejħa Tariffi tal-Interkambju (IFs), joħolqu bosta problemi fir-relazzjoni mal-kompetizzjoni u l-integrazzjoni tas-suq. L-IFs iwasslu għal kompetizzjoni b'lura, li tirriżulta fi pressjoni 'l fuq minflok 'l isfel għall-prezzijiet iċċarġjati lin-negozjanti u lill-konsumaturi. Barra minn hekk, il-livelli tal-IFs, li jvarjaw bil-kbir minn Stat Membru għall-ieħor u l-mod kif jiġu applikati l-IFs minn pajjiż għall-ieħor jikkostitwixxu ostaklu għall-integrazzjoni tas-suq billi n-negozjanti jiġu diżinċentivati mill-użu ta' servizzi minn fornituri barra 'l pajjiż.

Barra minn hekk, ċerti regoli tal-iskemi tal-kards jillimitaw l-għażla u l-possibilità li n-negozjanti jirrifjutaw strumenti ta' ħlas għaljin jew li jiggwidaw lill-konsumaturi lejn metodi ta' ħlas irħas.

[1] http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2007:319:0001:0036:EN:PDF

2.1.3. Prattiki differenti ta' ċċarġjar bejn l-Istati Membri

Soprataxxi (tariffi għall-użu ta' strument ta' ħlas speċifiku) oriġinalment kienu maħsuba bħala mekkaniżmu ta' orjentament għan-negozjati biex jidderieġu lill-konsumaturi lejn strumenti irħas u iktar effiċenti. Madankolli, dan ma wassalx għar-riżultati mixtieqa. Attwalment, nofs l-Istati Membri tal-UE jippermettu s-soprataxxa filwaqt li n-nofs l-ieħor jipprojbihom. Dan iwassal għal konfużjoni konsiderevoli għad-detriment tal-konsumatur fil-kuntest tal-kummerċ elettroniku.

2.1.4. Lakuna ġuridika għal ċerti forniturі ta' servizz ta' ħlas bl-internet

Sa mill-adozzjoni tal-PSD fl-2007, feġġew servizzi ġodda fil-qasam tal-ħlasijiet bl-internet, bħalma huma partijiet terzi forniturі (TPPs) li joffru inizjazzjoni ta' ħlas ibbażat fuq l-ibbankjar onlajn. Dawn is-servizzi jirrappreżentaw alternattiva vijabbli għall-kards tal-ħlas fuq l-internet peress li normalment ikunu irħas għan-negozjanti u aċċessibbli għall-ħafna konsumaturi li ma għandhomx karti ta' kreditu. Madankollu, l-aċċess għall-kredenzjali għall-ibbankjar onlajn tal-konsumatur minn partijiet terzi u l-fatt, li dawn is-servizzi ġodda mhumiex koperti mill-qafas ġuridiku eżistenti, wassal għal firxa wiesa' ta' tħassib.

2.1.5. Lakuni fil-kamp ta' applikazzjoni u applikazzjoni inkorretta tal-PSD

Ċerti eżenzjonijiet fil-PSD iwasslu għal interpretazzjoni u applikazzjoni diverġenti ta' din il-liġi fl-Istati Membri. Il-kriterji ta' eżenzjoni tal-PSD jidhru li huma ġenerali wisq jew skaduti fir-rigward tal-iżviluppi tas-suq u qed jiġu interpretati b'modi differenti fl-Istati Membri. Dan japplika speċjalment għall-eżenzjonijiet tal-PSD għal aġenti kummerċjali, netwerks limitati, tranżazzjonijiet ta' ħlas inizjati minn apparat tat-telekomunikazzjoni u forniturі tal-ATM indipendenti. Lakuni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-PSD jinħolqu wkoll għall-ħlasijiet b'parti waħda mit-tranżazzjoni tal-ħlas barra miż-ŻEE u għall-ħlasijiet f'muniti mhux tal-UE.

2.2. Konsegwenzi

Il-problemi identifikati jirriżultaw f'konsegwenzi għall-konsumaturi, għan-negozjanti, għall-forniturі tal-ħlas ġodda u għas-suq bħala entità waħda.

2.2.1. Kundizzjonijiet mhux ekwi bejn il-forniturі tas-servizz / l-istituzzjonijiet ta' ħlas

Min jinsab diġà fis-suq - b'mod partikolari l-banek u l-iskemi tal-kards - għandhom interess personali li jżidu, jew tal-inqas iħarsu, id-dħul mill-ħlasijiet bil-kards, speċjalment mill-IFs. Għaldaqstant, il-forniturі tas-servizzi li joffru soluzzjonijiet ta' ħlas b'IF iktar baxx jew mingħajru jiltaqgħu ma' diffikultajiet serji biex jidħlu fis-suq.

Barra minn hekk, lakuni fl-istandardizzazzjoni u l-interoperabilità jipprevjenu l-kompetizzjoni fost min hu stabbilit u joħolqu ostaklu ieħor għad-dħul fis-suq għal PSPs ġodda u innovattivi.

2.2.2. Impatti negattivi fuq l-Utenti tas-Servizz ta' Ħlas (konsumaturi, negozjanti)

Il-banek jidderieġu lill-konsumaturi lejn kards għaljin, bħall-premium cards. Meta n-negozjanti ma jkunux jistgħu jirrifjutaw dawn il-kards jew jiċċarġjaw lill-konsumaturi direttament għall-użu tagħhom, dawn l-ispejjeż jingħaddew lill-konsumaturi kollha permezz ta' prezzijiet ogħla għall-prodotti u s-servizzi offruti. Dan hu ta' detriment għas-soċjetà. Mill-banda l-oħra, ħafna negozji żgħar jista' jkollhom jirrifjutaw ħlasijiet bil-kard minħabba t-tariffi għolja li jiġu ċċarġjati minn akkwirenti tal-kards (u li l-komponent ewlieni tagħhom huwa l-IF).

2.2.3. Attività transfruntiera baxxa

Minħabba nuqqas ta' interoperabilità, b'mod partikolari għal karti ta' debitu jew ħlasijiet ibbażati fuq ibbankjar onlajn, il-konsumaturi huma l-iktar ristretti għal karti ta' kreditu għaljin meta jixtru onlajn f'pajjiż differenti. Dan probabbilment jikkontribwixxi għall-fatt li, fl-2011, 34 % tal-konsumaturi fl-UE ordnaw prodotti u servizz fuq l-internet domestikament, imma 10 % minnhom biss ordnaw prodotti fuq bażi transfruntiera.[2]

Għan-negozjanti, l-għażla ta' fornitur ta' servizz akkwirenti spiss ikun limitat għal min ikun stabbilit domestikament. Anke kumpaniji Ewropej kbar tal-bejgħ bl-imnut isibuha iebsa biex jibbenefikaw mis-servizzi ta' akkwirent li jinsab fi Stat Membru ieħor. Dan iwassal għal opportunitajiet mitlufa għal ekonomiji ta' skala u s-semplifikazzjoni ta' operazzjonijiet għan-negozjanti.

2.2.4. Innovazzjoni mxerrda u mxekkla

Minħabba differenzi tekniċi bejn l-infrastrutturi u l-formati ta' ħlas nazzjonali, min jipprova jidħol fis-suq, u fornituri li jixtiequ jibdew joffru servizzi innovattivi jaraw in-negozju tagħhom ristrett għas-suq nazzjonali. Dan jillimita l-potenzjal għal ekonomiji ta' skala, kemm f'termini ta' tnaqqis tal-ispejjeż u kif ukoll fi dħul potenzjali u għalhekk jiskoraġġixxi l-investimenti f'negozji ġodda. Fl-aħħar nett, ambjent frammentat mal-fruntieri nazzjonali jista' jwassal biex l-innovazzjoni taqa' lura fl-Ewropa meta mqabbla ma' reġjuni oħra, bħall-Istati Uniti jew l-Ażja Paċifika.

3. L-ARGUMENTI FAVUR AZZJONI MILL-UE

Suq tal-UE integrat għas-suq tal-ħlasijiet żgħar elettroniċi jikkontribwixxi għall-għan tal-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea li jistipula suq intern. Il-benefiċċji ta' integrazzjoni tas-suq jinkudu iktar kompetizzjoni bejn il-PSPs u iktar għażla, innovazzjoni u sigurtà għall-utenti tas-servizzi ta' ħlas, speċjalment il-konsumaturi.

Fin-natura tiegħu, suq tal-ħlasijiet integrat, ibbażat fuq netwerks li jlaħħqu lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, jeħtieġ approċċ mal-Komunità kollha peress li l-prinċipji, r-regoli, il-proċessi u l-istandards applikabbli jridu jkunu konsistenti madwar l-Istati Membri kollha sabiex tinkiseb iċ-ċertezza legali u kundizzjonijiet ekwi għall-parteċipanti kollha fis-suq. Il-possibilità ta' intervent fil-livell tal-UE għalhekk hija konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà.

4. GĦANIJIET POLITIĊI

Żewġ għanijiet ġenerali jiġbru fihom l-oqsma problematiċi identifikati. L-ewwel wieħed huwa li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi għall-kategoriji ta' fornituri ta' ħlas li min-naħa tiegħu jżid l-għażla, l-effiċenza, it-trasparenza u s-sigurtà tal-ħlasijiet iż-żgħar. It-tieni għan huwa li jiġi ffaċilitat il-forniment ta' servizzi ta' ħlas innovattivi transfruntieri bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl billi jiġi żgurat Suq Uniku għall-ħlasijiet iż-żgħar kollha. Dan iwassal għal sitt għanijiet speċifiċi:

- l-indirizzar tal-lakuni fl-istandardizzazzjoni u l-interoperabilità għall-ħlasijiet bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl;
- l-eliminazzjoni tal-ostakli għall-kompetizzjoni, b'mod partikolari għall-ħlasijiet bil-kard u bl-internet;

[2] http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/information_society/data/main_tables

- l-allinjament tal-prattiki ta' ċċarġjar u ta' orjentament għas-servizzi ta' ħlas madwar l-UE;
- l-iżgurar li tipi emerġenti ta' servizzi ta' ħlas ikunu koperti minn qafas regolatorju;
- l-iżgurar ta' applikazzjoni konsistenti tal-qafas leġiżlattiv (PSD) fost l-Istati Membri;
- il-ħarsien tal-interess tal-konsumatur billi jiġi estiż il-ħarsien regolatorju għal kanali ta' ħlas ġodda u servizzi ta' ħlas innovattivi.

5. L-ALTERNATTIVI POLITIĊI

Ġew identifikati għadd ta' alternattivi politiċi. It-tabella ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor dawn l-alternattivi (l-alternattivi magħżula huma mmarkati). Miżuri possibbli oħrajn li jew jindirizzaw problemi ta' prijorità iktar baxxa jew jiżguraw li l-alternattivi politiċi ewlenin ikunu effettivi fis-sħiħ mingħajr ma jħallu impatt sinifikanti *per se* (miżuri anċillari u ta' perfezzjonament) huma deskritti f'iktar dettall fl-Istima tal-Impatt innifisha.

Il-frammentazzjoni tas-suq
Arranġamenti ta' governanza dgħajfa
1: Ebda bidla fil-politika
2: Korp awtoregolatorju mwaqqaf mill-parteċipanti fis-suq
3: ***Korp formali bbażat fuq att ġuridiku tal-koleġiżlaturi***
Lakuni ta' standardizzazzjoni u interoperabbiltà
1: Ebda bidla fil-politika
2: *Standardizzazzjoni permezz ta' qafas ta' governanza tal-ħlasijiet (ħlasijiet bil-kard)*
3: Mandat għal Organizzazzjoni Ewropea tal-Istandardizzazzjoni (ħlasijiet bil-mowbajl)
4: Twaqqif ta' rekwiżiti tekniċi obbligatorji permezz ta' leġiżlazzjoni
Kompetizzjoni ineffettiva f'ċerti oqsma tal-ħlasijiet bil-kard u bl-internet
Tariffi tal-interkambju (IFs)
1: Ebda bidla fil-politika
2: Possibilità ta' akkwiżizzjoni transfruntiera u regolazzjoni tal-livell ta' tariffi tal-interkambju transfruntieri
3: Mandat lill-Istati Membri biex ifasslu l-IFs domestiċi fuq il-bażi ta' metodoloġija komuni
4: Tfassil ta' livell tal-IF komuni għall-UE kollha bbażata fuq ammont massimu
5: Eżenzjoni ta' kards kummerċjali u kards maħruġa minn skemi ta' partijiet terzi
6: Regolamentazzjoni tal-Ħlasijiet ta' Servizz lin-Negozjant
Regoli tan-negozju restrittivi
1: Ebda bidla fil-politika
2: Tneħħija volontarja tar-Regola li trid Tonora l-Kards Kollha mill-iskemi tal-kards
3: Projbizzjoni tar-Regola li trid Tonora l-Kards Kollha jew parti minnha
Prattiki differenti ta' ċċarġjar bejn l-Istati Membri
1: Ebda bidla fil-politika
2: Projbizzjoni ta' sopratassi fl-Istati Membri kollha
3: Possibilità ta' sopratassi fl-Istati Membri kollha
4: Obbligu fuq in-negozjanti biex dejjem joffru tal-inqas mezz ta' ħlas wieħed użat komunement mingħajr ebda sopratassa
5: Projbizzjoni tas-sopratassa għal strumenti ta' ħlas b'IF regolat
Lakuna ġuridika għal ċerti forniturі ta' servizz ta' ħlas
Aċċess għall-informazzjoni dwar id-disponibilità ta' fondi għal skemi ta' kards ġodda u partijiet terzi forniturі (TPPs)
1: Ebda bidla fil-politika
2: Definizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' aċċess, definizzjoni tad-drittijiet u d-dmirijiet tat-TPPs, kjarifika tar-ripartizzjoni tar-responsabilità
3: Possibilità li TPPs ikollhom aċċess għall-informazzjoni bi ftehim kuntrattwali mal-bank li jagħti s-servizz tal-kont
Lakuni fil-kamp ta' applikazzjoni u applikazzjoni inkorretta tal-PSD
Kamp ta' Applikazzjoni Negattiv tal-PSD
1: Ebda bidla fil-politika
2: Aġġornament u kjarifika tal-kamp ta' applikazzjoni tal-esklużjonijiet tal-PSD (aġenti kummerċjali u netwerks limitati)
3: Tħassir tal-esklużjonijiet (ħlasijiet inizjati b'telekommunikazzjoni u ATMs indipendenti)
4: Obbligu tal-forniturі ta' servizz ta' ħlas li jużaw l-esklużjonijiet biex jitolbu l-approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti

Tranżazzjonijiet b'parti waħda barra miż-ŻEE u ħlasijiet f'muniti mhux tal-UE
1: Ebda bidla fil-politika
2: Estensjoni sħiħa għat-tranżazzjonijiet kollha li jkollhom parti waħda u għall-muniti kollha
3: Estensjoni selettiva ta' ċerti regoli tal-PSD għal tranżazzjonijiet li jkollhom parti waħda u għall-muniti kollha

Hemm kunsens fost il-partijiet interessati dwar (1) il-benefiċċji li jkunu jistgħu jiġu mill-ilħuq ta' livell xieraq ta' standardizzazzjoni teknika, u b'hekk l-interoperabilità fil-qasam tal-ħlasijiet bil-kard, bl-internet u bil-mowbajl; (2) il-bżonn li jkun hemm regoli ċari dwar l-MIFs u regoli tan-negozju oħrajn bil-ħsieb li jkun hemm ċertezza legali u jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-suq tal-kards[3]; (3) l-importanza li servizzi ta' inizjazzjonijiet tal-ħlas offruti minn TPPs ikunu koperti fil-qafas regolatorju; (4) il-bżonn għal armonizzazzjoni tal-prattiki ta' orjentament, b'mod partikolari s-soprataxxi; (5) twessigħ u ċċarar tal-kamp ta' applikazzjoni tal-PSD.

6. IMPATTI

L-alternattivi politiċi rakkomandati għandhom l-għan li:

- inaqqsu l-frammentazzjoni tas-suq permezz ta' sforzi ta' standardizzazzjoni u arranġamenti ġodda ta' governanza,
- jindirizzaw l-ostakli għall-kompetizzjoni fil-qasam tal-ħlasijiet partikolarment billi jiġu regolati l-IFs, jiġu eliminati r-regoli tan-negozju restrittivi u jitjieb l-aċċess għas-suq,
- jillimitaw il-possibilitajiet għal soprataxxi min-negozjanti għall-istrumenti li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament tal-IF,
- jipprovdu qafas ġuridiku rigward aċċess għall-informazzjoni dwar il-finanzi mit-TPPs,
- inaqqsu b'mod sinifikanti l-lakuni regolatorji u l-inkonsistenzi fil-PSD.

Problema identifikata	**Alternattiva Rakkomandata**	**Impatt Ekonomiku fil-livell tal-UE**
Governanza u standardizzazzjoni		
Arranġamenti ta' governanza	Permezz ta' korp formali (il-Kunsill Ewropew tal-Ħlasijiet iż-Żgħar)	Involviment aħjar tal-partijiet interessati. Spejjeż marġinali.
Standardizzazzjoni tal-ħlasijiet bil-kard	Permezz ta' qafas ta' governanza tal-ħlasijiet (taħt il-Qafas Ewropew tal-Ħlasijiet iż-Żgħar	Kontributi għal suq tal-kards kompletament integrat. Benefiċċji stmati li jkunu 4 biljuni fis-sena l-iktar għan-negozji u l-konsumaturi
Standardizzazzjoni tal-ħlasijiet bil-mowbajl	Permezz ta' Organizzazzjoni Ewropea tal-Istandardizzazzjoni	Żieda fil-volum tat-tranżazzjonijiet ta' ħlas bil-mowbajl. Stima: 68 % iktar tranżazzjonijiet jekk ikunu standardizzati
Tariffi tal-interkambju (għall-ħlasijiet fuq bażi ta' kard)		
Regolamentazzjoni tal-IFs (Fażi 1)	Ammont massimu għall-IFs transfruntieri (debitu u kreditu) u possibilità ta'	Iffrankar operattiv għal negozjanti kbar. Stmati għal EUR 3 biljun fis-sena.

[3] B'mod partikolari fid-dawl ta' għadd kbir ta' proċedimenti ta' kompetizzjoni.

	għażla ta' IF għal tranżazzjonijiet transfruntieri (permezz ta' akkwiżizzjoni transfruntieri, ara hawn taħt)	
Regolamentazzjoni tal-IFs (Faża 2)	Ammont massimu tal-IFs għall-karti ta' debitu u ta' kreditu b'massimu ta' 0,2 % u 0,3 % tal-valur ta' tranżazzjoni rispettivament	Iffrankar operattiv għan-negozjanti kollha li jaċċettaw il-kards. Stmati għal EUR 6 biljun fis-sena. Parti minn dawn tista' tingħadda lill-konsumaturi.
Tariffi tal-interkambju – miżuri ewlenin ta' akkumpanjament		
Akkwiżizzjoni transfruntieri	Tneħħija tal-ostakli imposti mill-iskemi tal-kards u tal-liġijiet għal akkwiżizzjoni transfruntieri	Iffrankar operattiv għal negozjanti kbar stmat bħala parti minn EUR 3 biljun fis-sena (jekk ikun sostnut minn regolamentazzjoni transfruntieri dwar l-IF)
Regoli tan-negozju restrittivi	Projbizzjoni tar-Regola li trid Tonora l-Kards Kollha jew parti minnha u r-Regola ta' Nondiskriminazzjoni	Iffrankar operattiv għan-negozjanti kollha li jaċċettaw il-kards. Stmat għal massimu ta' EUR 0,6 – 1,7 biljun fis-sena, sa EUR 0,5 biljun bl-ammonti massimi proposti. Parti minn dawn tista' tingħadda lill-konsumaturi.
Prattiki ta' ċċarġjar diverġenti bejn l-Istati Membri	Projbizzjoni tas-sopratassi għal strumenti ta' ħlas b'IF regolat	Iffrankar għall-konsumaturi: sa EUR 731 miljun fis-sena
Lakuni fil-kamp ta' applikazzjoni u applikazzjoni inkorretta tal-PSD		
Aċċess għall-informazzjoni dwar id-disponibilità ta' fondi mit-TPPs	Definizzjoni tal-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-informazzjoni dwar id-disponibilità tal-fondi, definizzjoni tad-drittijiet u d-dmirijiet tat-TPPs, kjarifika tar-ripartizzjoni tar-responsabilità	Iffrankar għan-negozjanti jekk is-servizzi ta' TPP jissostitwixxu l-karti ta' kreditu bi tranżazzjonijiet onlajn stmati għal EUR 0,9 – 3,5 biljun fis-sena. Tariffi ħafna iktar baxxi għal kull skema ta' kard ġdida (15-75 %). Soluzzjoni ġdida ta' ħlas onlajn għall-konsumaturi, inklużi dawk li ma għandhomx karta ta' kreditu.
Esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni (eżenzjonijiet)	Ridefinizzjoni ta' kamp ta' applikazzjoni għall-aġenti kummerċjali u netwerks limitati; Inklużjoni ta' tranżazzjonijiet inizjati bl-IT / mowbajl u	Spiża għal PSPs rilevanti stmati għal EUR 128 – 193 miljun (ta' darba). Benefiċċji mhux kwantifikabbli jinkludu ħarsien aħjar tal-konsumatur,

	ATMs indipendenti fil-kamp ta' applikazzjoni; Rekwiżit ta' approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti għas-servizzi eżenti	iżjed sigurtà fil-ħlas u kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni.
Inklużjoni fil-kamp ta' applikazzjoni (tranżazzjonijiet b'parti waħda u f'muniti mhux tal-UE)	Estensjoni selettiva (Titolu III u IV) tal-kamp ta' applikazzjoni tal-PSD għal tranżazzjonijiet b'parti waħda u f'muniti mhux tal-UE	Spejjeż marġinali. Benefiċċji tal-PSD estiżi għal tranżazzjonijiet ta' ħlas b'valur totali stmat għal EUR 60 biljun fis-sena għal xi 32 miljun PSU.

Impatti fuq il-partijiet interessati

Lil hinn mill-benefiċċji ekonomiċi diretti diskussi hawn fuq:

Il-konsumaturi jibbenefikaw l-iktar permezz ta' għażla ikbar tal-mezzi ta' ħlas, b'mod partikolari permezz ta' servizzi ta' TPPs u ħlasijiet bil-mowbajl; regoli msaħħa tal-protezzjoni tal-konsumatur u involviment iktar b'saħħtu fil-governanza tal-ħlasijiet iż-żgħar.

In-negozjanti jerbħu l-libertà rigward l-aċċettazzjoni tal-mezz ta' ħlas (billi jiksbu l-kapaċità li jirrifjutaw kards għaljin); jibbenefikaw minn iktar standardizzazzjoni (eż. permezz ta' razzjonalizzazzjoni ta' terminals li jaqraw il-kards) u l-possibilità ta' akkwiżizzjoni transfruntieri / ċentrali.

Operaturi ġodda fuq in-naħa tal-provvista: Jiksbu kundizzjonijiet ekwi u aċċess għas-suq (eż. TPPs u skemi ta' kards ġodda); jibbenefikaw mir-regolamentazzjoni tal-IF.

PSPs u skemi ta' kards eżistenti: banek u skemi ta' kards affettwati mill-possibilità ta' tnaqqis permezz tar-regolamentazzjoni tal-IF; jiffaċċaw kompetizzjoni iktar qawwija minn operaturi ġodda. Madankollu, x'aktarx li jibbenefikaw fit-terminu medju u twil permezz ta' iktar standardizzazzjoni u volum ferm ikbar ta' ħlasijiet bil-kard milli fil-mument (peress li ħafna iktar negozjanti, speċjalment l-iktar żgħar jibdew jaċċettaw il-kards).

7. STRUMENTI REGOLATORJI OĦRAJN

Ħafna mill-miżuri politiċi proposti jistgħu jkunu indirizzati permezz ta' reviżjoni tal-PSD. Dan japplika speċjalment għall-oqsma li llum huma diġà koperti mill-PSD, eż. l-aċċess għas-suq għat-TPPs, is-sopratassi u r-regoli għall-istituzzjonijiet ta' ħlas. Miżuri oħrajn, b'mod partikolari r-regolamentazzjoni tal-IFs u miżuri anċillari, ikunu indirizzati b'Regolament iddedikat.

Xi miżuri deskritti hawn fuq jistgħu jkunu ffaċċati b'mezzi mhux leġiżlattivi, pereżempju l-involviment ta' Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni.